**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR181029** **10.05.2018**

**<u>STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER</u>**

***Jum Internazzjonali tal-Infermiera fil-Parlament 2018 - Kura medika lil kulħadd bħala dritt fundamentali tal-bniedem***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia mexxa laqgħa speċjali tal-'Jum Internazzjonali tal-Infermiera fil-Parlament 2018 – Kura medika lil kulħadd bħala dritt fundamentali tal-bniedem.'

Fid-diskors tal-okkażjoni, huwa spjega kif il-liġi internazzjonali tirrikonoxxi li kull persuna umana għandha d-dritt għal kura medika mingħajr distinzjoni, kemm ekonomika, razzjali, orjentazzjoni sesswali u oħrajn.  Kull stat huwa responsabbli sabiex jipprovdi l-aħjar servizz tas-saħħa.  Għalkemm dan id-dritt huwa wieħed neċessarju sabiex il-bniedem jgħix b'dinjità, minħabba kunflitti internazzjonali u l-qagħda ekonomika ta' xi wħud mill-pajjiżi, bosta bnedmin huma mċaħħda mill-kura medika li tant għandhom bżonn.

L-Ispeaker sellem il-ħidma ta' individwi, fosthom Maltin, li telqu arthom u l-familjarji tagħhom, xi minn daqqiet b'riskju kbir għal ħajjithom, sabiex huma jikkuraw nies foqra f'pajjiżi tat-Tielet Dinja.

L-Ispeaker sellem ukoll lill-infermiera, qwiebel u para-mediċi oħra, li flimkien mat-tobba, għażlu professjoni vokazzjonali, għaliex tul ħajjithom kollha huma għażlu li jkunu ta' qadi u ta' servizz lil proxxmu tagħhom.

Għal din il-laqgħa, li kienet organizzata flimkien mal-Fakulta tax-Xjenzji tas-Saħħa, fl-Università ta' Malta, attendew  id-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa Chris Fearne, is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Anthony Agius Decelis, il-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia, u l-Membri Parlamentari David Agius, Mario Galea u Stephen Spiteri.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**